ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

StudentBounty.com

Rott

**Il-ĦAMES SENA** **L-ISTORJA (ĠENERALI)** **IL- ĦIN: Siegħa u tliet kwarti**

**L-Isem:** ______________________ **Il-Klassi:** ____________

**1. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**



**Sors A**



**Sors B**



**Sors C**



**Sors D**

1.1 Għid liema post storiku qed naraw f'sors A. ______________________ (1)

1.2 X'inhi d-differenza prinċipali bejn sors A u sors B?

______________________

______________________ (1)

1.3 Għal xiex kien jintuża l-post li jidher f'sors A?

______________________ (1)

1.4 Semmi kamra jew parti oħra minn dan il-post u għid kif kienet tintuża.

______________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

1.5 Liema kumpless ta' tempji jidher f'sors B?
(*Ħaġar Qim, Imnajdra, Borġ in-Nadur, Tas-Silġ*)

1.6 Semmi **żewġ** karatteristiċi dwar il-mod ta' kif inbena l-kumpless ta' tempji f'sors B.

____________________________________________

____________________________________________ (2)

1.7 Xi ħsara tista' tiġri lil tempji bħal dawn li jidhru f'sors B?

____________________________________________ (2)

1.8 X'soluzzjoni tidher li saret f'sors C biex titnaqqas il-ħsara li tista' ssir lil dawn it-tempji?

____________________________________________ (1)

1.9 Liema aġenzija tal-Gvern qed tieħu ħsieb postijiet storiċi bħal dawn?

____________________________________________ (1)

1.10 F'liema mużew jinsabu esibiti dawn il-fdalijiet preistoriċi?

____________________________________________ (1)

1.11 Semmi **żewġ** tipi ta' fdalijiet preistoriċi li jidhru f'sors D.

______________________ ______________________ (2)

1.12 Għaliex żjara f'mużew bħal dan hija importanti?

____________________________________________ (1)

**(Total: 16-il marka)**

**2. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**



**Sors E**



**Sors F**



**Sors G**

2.1 Dawn huma tliet strutturi tipiċi li nsibuhom fil- ______________________ (1)

2.2 Semmi x'inhi l-binja li tidher f'sors E u għid x'kien l-użu tagħha.

____________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

2.3 Semmi **żewġ** taqsimiet jew kmamar fil-binja ta’ Sors E u għid x’kien l-użu partikulari ta’ waħda minnhom.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4)

2.4 Għaliex binjiet bħal dik ta’ sors E saru popolari ħafna llum?

______________________________________________________________________ (1)

2.5 Xi struttura qed tara f’sors F? ______________________________ (1)

2.6 Għaliex stuttura bħal din hija importanti? Semmi **tliet** raġunijiet.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3)

2.7 Xi ħsara tista’ ssir lil struttura bħal dik ta’ sors F? Semmi **żewġ** eżempji.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

2.8 Għaliex insibu ħafna kappelli bħal dik f’sors G?

______________________________________________________________________ (1)

2.9 F’xi kappelli nsibu l-*ex voto*. X’tifhem bil-kelma *ex voto*?

______________________________________________________________________ (1)

2.10 Semmi **żewġ** strutturi oħra li nsibu fil-pajsaġġ Malti u għid x’kien l-użu tagħhom.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4)

2.11 Semmi **żewġ** problemi li qed ikerrhu l-pajsaġġ Malti llum u għid kif dawn jistgħu jiġu evitati.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4)

**(Total: 24 marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**3. Aqra sewwa dan is-sors u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**

'U l-identità kulturali tagħna tidher li ilha fil-kuxjenza Maltija għal żmien twil...Konna nazzjon għalina anki qabel ma konna indipendenti, ħafna qabel ma konna indipendenti politikament. Meta Vassalli indirizza lin-nazzjon Malti, ma kienx qed joħloq kunċett ġdid, kien qiegħed jażżarda jitkellem b'mod ċar u kuraġġuż...Il-kultura tagħna hi għalhekk il-vera identità tagħna...Hu għaqli li ngħarblu u nistudjaw il-kultura tagħna għax hu dejjem fundamentali li tkun taf lilek innifsek. Speċjalment f'pajjiż bħal tagħna fejn l-influwenzi kulturali barranin li lqajna, kultant fixklu s-sens tal-vera identità tagħna...Għandna wkoll il-kultura tal-futur: il-kultura tagħna hi waħda ħajja, u tirrispondi għat-tibdil.'

Sors addattat minn *L-Identità Kulturali ta' Malta*, Ugo Mifsud Bonnici, p. xi-xii, 1989.

3.1 Semmi **tliet** elementi li jagħmlu parti mill-kultura ta' nazzjon.

_______________ _______________ _______________ (3)

3.2 Għal liema ġrajja qed jirreferi l-awtur bil-kliem 'indipendenti politikament' (vers 2)?

_______________________________________________ (1)

3.3 Agħti **żewġ** eżempji ta' kif diversi ħakmiet barranin affettwaw il-kultura f'Malta?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

3.4 L-awtur jgħid li 'l-kultura tagħna hi waħda ħajja, u tirrispondi għat-tibdil'. Semmi **erba'** eżempji ta' tibdil fil-kultura Maltija li daħlu f'dawn l-aħħar snin.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (4)

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**4. Aqra sewwa dan is-sors u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**

‘F’dak li għandu x’jaqsam mal-Kanal tas-Swejz, dan kollu kien ifisser, mela, li sehem Malta beda jiġi affettwat mhux biss...mit-tibdil teknoloġiku fil-mezzi tal-enerġija u fis-sengħa tan-navigazzjoni. Beda jiġi affettwat ukoll mill-fatt li hi kienet fus ewlieni fir-rotot tal-baħar...Malta fus ewlieni kienet u iżjed saret....matul il-Gwerra tal-Krimea ħafna Maltin kienu stagħnew. Iktar importanti, l-Ingilterra rrealizzat kemm kienet reġgħet saret meħtieġa Malta, tant li bdiet tinvesti iżjed fiha...u ssostni l-infiq fil-preżenza militari.’

Sors addattat minn *Storja ta’ Malta, It-Tielet Volum,* ta’ Henry Frendo, p. 187-188, 2004.

4.1 Fejn jinsab il-Kanal tas-Swejz? ______________________ (1)

4.2 Għal liema raġuni nfetaħ dan il-kanal?

______________________ (1)

4.3 Għaliex il-ftuħ ta’ dan il-kanal kien importanti għal Malta?

______________________ (1)

4.4 Għal liema tibdil teknoloġiku fil-mezzi tal-enerġija u fis-sengħa tan-navigazzjoni qed jirreferi l-awtur tas-sors?

______________________ (1)

4.5 L-awtur isemmi l-Gwerra tal-Krimea. Xi rwol kellha Malta f’din il-gwerra?

______________________

______________________ (2)

4.6 Għid kif xi Maltin stagħnew f’din il-gwerra.

______________________ (1)

4.7 Għaliex l-Ingilterra rrealizzat li Malta kienet importanti għaliha?

______________________ (1)

4.8 Sib xi frażi fis-sors li tispjega li Malta kellha ‘ekonomija ta’ fortizza’.

______________________ (2)

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

5. **Imla l-kaxxi l-vojta tat-tabella kif meħtieg. Xi tweġibiet huma mogħtija bħala eżempji.**

| | Dehra tal-fdal | Kif inhu magħruf | Ma' liema ċiviltà jagħmel | Il-belt jew il-pajjiż fejn jinsab | X'kien l-użu tiegħu meta nbena |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 |  | | | | |
| 2 |  | | | Agriġento jew Sqallija | |
| 3 |  | | | Ateni jew Greċja | |
| 4 |  | | | | |
| 5 |  | fdalijiet f'Sabrata | | | |
| 6 |  | l-Alhambra | | | |

**(T l: 20 marka)**



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**6. Ikteb fit-tul dwar WAĦDA minn dawn it-temi.**

6.1 Ikteb dwar l-Unjoni Ewropea. Trid tikteb dwar dawn il-punti:

- kif twaqqfet l-Unjoni Ewropea
- kif din kibret biex tinkludi 27 pajjiż
- kif Malta saret tifforma parti minnha

6.2 Għaliex il-Maltin għandhom id-dmir jieħdu ħsieb il-wirt storiku u kulturali tal-pajjiż?

6.3 Ikteb dwar il-perjodi ewlenin tal-Preistorja Maltija.

**(Total: 20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers